MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Ottubru, 2012

Numru. 679/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Trevor Micallef]**

**vs**

**Johann Grech**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Johann Grech detentur tal-karta tal-identita` numru 108885(M).

Akkuzat talli:
F'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Mejju, 2010 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (3:30a.m.) gewwa Clique li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-vicinanzi, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' Alan Xuereb.

Rat id-dokumenti ipprezentati.

Semghet il-provi; u

Rat l-artikoli indikati; u cioe` l-Artikoli 214, 218(1)(b), 382A, 383, 384, 386, 412C, 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali.
Stante ammissjoni mill-imputat ghall-akkuza kif dedotta kontrih u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, qeghda issib lill-imputat Johann Grech hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------